**Il-Ministru għall-Agrikoltura u Sajd ressaq din l-Emenda:-**

Ħassar il-paragrafi kollha u sosstitwihom b'dan li ġej:

"Billi din il-Kamra tirrikonoxxi l-importanza tas-sajd għal pajjiżna bħala kontributur għall-ekonomija u anke bħala mezz ta' għajxien ta' numru ta' familji Maltin u Għawdxin.

Billi din il-Kamra tifhem il-bżonn li dan is-settur ikompli jissaħħaħ biex ikun jista' jikkompeti billi jtejjeb it-tagħmir u jkabbar l-effiċjenza, u b'mod partikolari tagħraf il-ħtieġa li għas-sajd tat-tonn, is-sajjieda Maltin u Għawdxin jiġu mħeġġa u nkoraġġiti biex ikunu jistgħu jistadu b'irkaptu aktar adatt għall-qbid tat-tonn flimkien u/jew minflok l-irkaptu użat fil-preżent.

Għalhekk, din il-Kamra:

1. Tinnota u tilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma tal-Gvern Malti biex ikun garantit ix-xogħol u l-għejxien tas-sajjieda Maltin u Għawdxin kollha.

2. Tagħraf li bil-miżuri li ħa l-Gvern Malti matul dawn l-aħħar erba' snin, speċjalment bl-arranġament milħuq riċentement bejn il-Gvern Malti u l-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-sajd, ġie garantit mhux biss il-livell ta' għejxien tas-sajjied Malti u Għawdxi, iżda wkoll li dan il-livell jitjieb u jogħla fis-snin li ġejjin.

3. Tikkonferma l-fiduċja sħiħa tagħha fil-kapaċita' u l-ħila tas-sajjied Malti u Għawdxi biex dan jilqa' u jegħleb l-isfidi tal-ġejjieni, u dan billi bil-fatti tibqa' tingħata kull għajnuna possibbli lil dan is-settur bħall-provvista ta' *fuel duty-free,* għajnuna għall-immodernizzar ta' l-operat kollu tas-sajd bħalma indikat fil-pakkett dwar iż-żona ta' konservazzjoni ta' 25 mil, kif ukoll kull forma ta' għajnuna li trendi l-operat tas-sajd aktar kompetittiv bħalma rriżulta mill-ftehim ma' l-Unjoni Ewropea dwar it-tneħħija tal-*levy* ta' 15% imposta fuq ħut esportat lejn l-Unjoni Ewropea.".

L-Emenda għaddiet.

Il-mozzjoni, kif emendata, għaddiet nem. con.

22.07.02